31997R0287

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 287/97
tas-17 ta' Frar 1997
li jikkonċerna l-klassifika ta' ċertu oġġetti fin-nomenklatura magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar it-tariffa u n-nomenklatura statistikali u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [1], kif amendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2493/96 [2], u partikolarment l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura magħquda annessa mar-Regolament imsemmi, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifika ta' l-oġġetti msemmija fl-Anness ma' dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija kompletament jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi subdiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Komunità, bl-intenzjoni ta' l-applikazzjoni tat-tariffa u miżuri oħra li jirrigwardaw il-kummerċ ta' l-oġġetti;

Billi, skond ir-regoli ġenerali msemmija, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa mar-Regolament preżenti jridu jiġu klassifikati skond il-kodiċi NM addattati indikati fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet iddikjarati fil-kolonna 3;

Billi l-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tas-Sezzjoni tan-Nomenklatura tat-Tariffa u Statistika tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa huma issa klassifikati ġewwa n-nomenklatura magħquda taħt il-kodiċi NM addattati indikati fil-kolonna 2 tat-tabella msemmija.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-17 ta' Frar 1997.

Għall-Kummissjoni

Mario MONTI

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.
[2] ĠU L 338, tat-28.12.1996, p. 27.

ANNESS

Deskrizzjoni	Klassifika kodiċi NM	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
1. Preparazzjoni ta' l-ikel, magħmula b'dan li ġej: xaħam tal-ħalib: 74 % bħala toqol trab tal-bajd sħiħ: 5 % bħala toqol ħall ta' l-inbid: 4 % bħala toqol melħ: 1,5 % bħala toqol ilma: 15,5 % bħala toqol Il-prodott, ippreżentat fl-istat imkessaħ, jieħu l-forma ta' blokka żejtnija, ta' isfar ċass.	2106 90 98	Il-klassifika hija stabbilita mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, Nota 2(b) tal-Kapitolu 4, Nota 1(ċ) tal-Kapitolu 15, u mill-kliem tal-kodiċi NM 2106, 2106 90 u 2106 90 98.
2. Xaħam li jindilek magħmul minn, bħala toqol, ta' 70 sa 80 % xaħmijiet tal-ħalib u 20 sa 30 % xaħmijiet tal-ħxejjex, ġeneralment jitqiegħed għall-bejgħ bl-imnut f'pakketti ta' 500g Il-prodott jista' jinkiseb billi jitħalltu l-butir (intestatura 0405) u x-xaħam tal-ħxejjex (Kapitolu 15) jew billi jitħalltu l-krema (intestatura 0401) u x-xaħam tal-ħxejjex (Kapitolu 15) u jitħabat wara li jitħallat.	2106 90 98	Il-klassifika hija bbażata fuq id-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, Nota 2(b) tal-Kapitolu 4, Nota 1(ċ) tal-Kapitolu 15, u mill-kliem tal-kodiċi NM 2106, 2106 90 u 2106 90 98.